KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

1 ta' Awwissu 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad- Disgħa u Ħamsin (59) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disgha u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar l-Erbgha 6 ta' Lulju 2011 fis-2.30pm.**

Id-Disgha u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Indafa fil-Floriana
6. Kuntratt taz-Zamma tal-Gonna u l-latrini Pubblici
7. Problema tal-qtates fi Triq il-Fosos/Triq l-Imħazen
8. Isle of MTV 2011
9. Bord tal-Appelli: Monti tal-Ħadd
10. Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!
11. Ċelebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena
12. Asfaltar ta' Toroq
13. Iljieli Sajfin fi Triq
14. L-Istazzjon tal-Ferrovija
15. Xoghol ta' Bankini Godda
16. Ħwejjeg Oħra
17. Aġġornament tal-laqgħa

Ghad-Disgha u Hamsin (59) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru 3.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmienja u hamsin (58) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand is-Sur Karl De Flavia li talab permess biex tittella' attivita' bl-isem ta' EuroCup Village fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V bejn it-8 ta' Gunju 2012 u l-1 ta' Lulju 2012. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu jitlob iktar dettalji qabel tittiehed decizjoni finali.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Streetcom li pproponew li jitwahhlu bankijiet bir-riklami tat-tip *multi-sits*. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata permess ghall-perjodu ta' hames snin biex jitwahhlu dawn il-bankijiet fi Triq Nazzjonali, Triq Sant'Anna (quddiem Pjazza Papa Gwanni Pawlu XXIII), Triq il-Vittmi tal-Gwerra Furjanizi u fi Triq l-Indipendenza.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Public Broadcasting Services Ltd. fejn offrew lill-Kunsill jiehu sehem fil-programm "Mill-Bieb 'il Gewwa" ghall-prezz ta' €400. Il-Kunsill approva.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni tal-Kunsill u fakkar li l-Kunsill ma jistax jaghmel xoghol fuq proprjetajiet privati minhabba li skond il-ligi, il-Kunsill ma jistax jaghmel kambjament jew emenda fuq proprjetajiet li m'humiex tieghu, anke jekk dawn il-proprjetajiet ikunu abbandunati jew vakanti. Huwa kompla jghid li f'kaz li jkun hemm bzonn urgenti li jsir xi xoghol fuq xi proprjeta' privata li tkun vakanti, il-kaz ghandu jigi riferit lill-Kunsillier responsabbli minnufih sabiex il-Kunsill ikun jista' jaghmel kuntatt ma' sid il-proprjeta' u jitolbu jaghmel ix-xoghol mehtieg mill-aktar fis.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba li tissemma' triq ghall-Professur Gaston Tonna Bartez, studjuz u fundatur tal-Malta Cultural Institute fost merti ohrajn. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu decizjoni finali fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss wara li tkun saret iktar ricerka fuq dan il-personagg.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Karl De Flavia fejn talab permess lill-Kunsill biex jestendi l-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V billi jibni struttura temporanja. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mas-Sur De Flavia sabiex jinghataw iktar dettalji u ssir spezzjoni fuq il-post qabel ma tittiehed decizjoni finali.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kazin tal-Banda Vilhena fejn offrew lill-Kunsill li jigi nstallat *change over switch* fuq is-supply tal-Kunsill biex il-Kunsill ikun jista' jixghel il-faccata tal-Kazin tal-Banda Vilhena f'attivitajiet tal-Kunsill. Huma pproponew ukoll li l-bozoz tad-dawl tal-faccata jinbidlu u jinxtraw bozoz LED's minflok biex jigi ffrankat il-konsum tal-elettriku. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mas-Sur Mark Ciantar biex jiddiskuti din il-materja f'iktar dettall filwaqt li rigward il-bozoz, il-Kunsill qabel li ghandu jbiddel biss il-bozoz tal-istrixxi li jaghmel uzu minnhom il-Kunsill.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Mainstream Events fejn talbu permess biex itellghu festa ta' ikel u xorb fuq il-Fosos bejn l-1 u r-4 ta' Settembru 2011. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li din l-attivita' kienet ser tikkoincidi mal-Florianafest li ssir fl-istess post.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Bee Insurance Management fejn informaw lill-Kunsill li l-bini li kienet taghmel uzu l-Ambaxxata Amerikana kien ser jghaddi ghand l-Ambaxxata tal-Kuwait. Huma talbu l-permess tal-Kunsill biex iz-zona ta' madwar il-bini tibqa' tinzamm maghluqa u ristretta ghall-Ambaxxata tal-Kuwait bhal ma kien isir qabel fil-kaz tal-Ambaxxata Amerikana. Il-Kunsill oggezzjona.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Fr. Richard Borg fejn talab lill-Kunsill jiehu hsieb il-kirja ta' high up biex titnaddaf il-faccata tal-Knisja ta' San Publju. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jikri high up ghal mhux aktar minn ghaxart ijiem u l-ispiza ma taqbizx is-€700.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Denis Darmanin li nforma lill-Kunsill li hemm ghatu ta' fossa maqsum. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien diga ghadda l-ilment lill-Malta Tourism Authority minhabba li jidher li din il-hsara kienet saret matul il-kuncert Isle of MTV. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jsegwi l-ilment u jara li tittiehed azzjoni mill-entitajiet responsabbli biex dan l-ghatu jigi rrangat mill-aktar fis.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tat-Tezor fejn informaw lill-Kunsill b'tahrika mahruga f'isem wiehed mill-impjegati ta' dan id-dipartiment meta hareg xi boroz tal-iskart fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lid-Dipartiment tat-Tezor li l-persuna mharrka ghandha dritt tikkontesta din ic-citazzjoni fit-tribunal lokali jew permezz ta' ittra mibghuta lill-Bord tal-Petizzjonijiet. Il-Kunsill qabel ukoll l-kunsillier responsabbli mill-indafa ghandu jikteb lill-Ministru George Pullicino rigward biex l-iskart tad-dipartimenti governattivi jibda jingabar direttament mill-Gvern.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jaghmel tifkira tal-Floriana Ajax fi Pjazza Robert Samut. Il-Kunsill qabel li jaghmel plakka kommemorattiva f'isem il-Floriana Ajax.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba li saret mill-ghaqda tan-nar tal-festa tal-Imsida biex jinharaq in-nar minn hdejn il-Librerija Pubblika. Il-Kunsill ma qabilx minhabba l-esperjenza hazina li kellu meta kien inharaq in-nar minn dan il-post matul din il-festa.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-editur tal-gazzetta Il-Furjana fejn offra lill-Kunsill jghin fil-pubblikazzjoni tal-harga kommemorattiva ta' din il-gazzetta. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jippubblika din l-edizzjoni sa massimu ta' €500 b'kundizzjoni li l-Kunsill ikun l-isponsor principali tal-pubblikazzjoni u li jsir riklam bid-dimensjonijiet ta' 7cm mifruxa fuq 5 kolonni.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba ta' Patri Steven Magro biex matul il-Prima Messa ta' nhar il-Hadd 10 ta' Lulju 2011, jithallew jipparkjaw zewg vetturi fuq il-bankina ta' quddiem l-Arcipriet. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal dan.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. fejn gie deciz biex il-Kunsill jippubblika souvenir programme ghall-partita internazzjonali li ser tintlaghab kontra AEK Larnaca FC konguntament mal-Floriana FC. Sehem il-Kunsill f'din il-pubblikazzjoni ta' dan il-programm m'ghandux jeccedi l-€420 + VAT.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-bankini u t-toroq taz-zona maghrufa bhala ta' Balzunetta u saqsa rigward il-ftehim bil-miktub li l-Kunsill kien ghamel mal-Housing Authority sabiex jigu rrangati l-bankini u t-toroq appena jitlesta x-xoghol ta' kostruzzjoni fi Triq l-Argotti c/w Triq l-Iljun. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg ghandhom isegwu x-xoghol li ghaddej fuq dan il-bini biex x'hin jitlesta x-xoghol jassiguraw li jibdew jigu rrangati l-bankini u t-toroq tal-madwar.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal direttiva moghtija lill-gwardjani lokali mill-Kunsill biex jibdew jitharrku residenti li ma jurux il-permess tal-Kunsill mal-windscreen. Huwa kompla jghid li tali direttiva hija ingusta fuq ir-resident minhabba li gieli wiehed jista' jinsa juri l-permess. Is-Sindku wiegeb li din id-direttiva ma kinietx inghatat bl-ghan li tikkastiga lir-residenti izda biex theggeg lil dawk ir-residenti jew individwi ntitolati ghall-permess ghall-iskema ta' parkegg residenzjali japplikaw ghall-permess minhabba li hafna kienu qed johduha *for granted* u ma kienux qed jirrikorru ghand il-Kunsill biex jottjenu l-permess necessarju. Ghalhekk il-gwardjani lokali kienu qed jahlu hafna minn hinhom jiccekkjaw karozzi rregistrati fuq il-Floriana ghalxejn.

**<u>Nota: 15:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.</u>**

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill b'citazzjoni mahruga lil resident fuq rimi ta' skart. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien qed jimpjega "green wardens" sabiex iharrku lil kull min jinqabad ihammeg barra, sew jekk ikun resident u sew jekk ma jkunx, u dan ghall-gid tar-residenti nfushom. Huwa kompla jghid li kull min jigi moghti citazzjoni u ma jaqbilx maghha, ghandu d-dritt li bhal kull cittadin iehor jikkontesta din ic-citazzjoni bhal ma hi l-procedura f'kazijiet ohra.

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

4.1 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **54-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9675 sa 9747.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9675 sa 9747, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## <u>5.0 Indafa fil-Floriana</u>

5.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghas-sitwazzjoni ta' indafa tat-Telgha tal-Kurcifiss. Huwa nforma lill-Kunsill li l-Malta Tourism Authority ma kinietx uriet interess tiehu r-responsabbilta' tat-tindif ta' din it-triq taht idejha bhas-snin precedenti. Ghalhekk din it-triq kif ukoll it-tarag ta' Harper Lane ma kienux qed jitnaddfu minhabba li la kienu jaqghu taht ir-responsabbilta' tal-kuntrattur tal-Kunsill u lanqas taht dik tal-Gvern Centrali. Minhabba dan, il-Kunsill qabel li ghandu jiehu t-tindif ta' din it-triq taht idejh u qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni biex jibda jsir tindif regolari fit-Telgha tal-Kurcifiss, fit-tarag tal-Kalkara u fit-tarag ta' hdejn il-Health Promotions.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li kien innota wkoll li dan l-ahhar il-hmieg fil-Floriana kien zdied u mhux naqas minkejja li l-Kunsill kien ipprovda roster ta' kemm-il darba ghandha tinkines kull triq fil-bidu tal-kuntratt tat-tindif tat-toroq. Ghalhekk huwa zied jghid li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jiehu azzjoni kull meta l-kuntrattur jonqos milli jaghmel xogholu skont ir-roster ipprovdut mill-Kunsill u li ghandu jibda jimmultah ta' dawn in-nuqqasijiet

5.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nformat lill-Kunsill li fi Triq San Tumas, specjalment wara weekend, ikun hemm hafna hmieg u talbet li l-Kunsill jibda jnaddaf din it-triq iktar ta' spiss. Is-Sindku heggeg li tali ilmenti ghandhom jibdew jigu mghoddija lill-Kunsill mill-ewwel sabiex tibda tittiehed azzjoni immedjata dwar dawn l-ilmenti u anke jitwahhlu penalitajiet f'nuqqasijiet ripetittivi u xierqa.

## 6.0 Kuntratt taz-Zamma tal-Gonna u l-latrini Pubblici

6.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li t-tennis court kienu ilu ma jitnaddaf minkejja li hu kien ilu hafna jigri wara l-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li ghandu jwahhal penali ta' €23.29 lill-kuntrattur skont kif stipulat fil-kuntratt taz-zamma ta' gonna u latrini pubblici ladarba kienet baqghet ma ttiehditx azzjoni.

6.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitlob lista ta' impjegati li qed ikunu ghassa mal-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V sabiex il-Kunsill ikun jaf min huma l-attendants li ghandu mal-latrini tal-gnien. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li ma hassx li dan il-pass huwa necessarju sakemm is-servizz offrut ikun soddisfacenti u kif mixtieq.

**Nota: 16:40 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 7.0 Problema tal-qtates fi Triq il-Fosos/Triq l-Imħazen

7.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

**Nota: 16:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

7.2 Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill bis-sitwazzjoni ta' aggregazzjoni ta' qtates fi Triq il-Fosos u fi Triq l-Imhazen u bil-hmieg li dawn kienu qed ihallu f'dawn it-toroq. Huwa nforma lill-Kunsill li kien kellem lill-Stray Animal Support Group rigward din is-sitwazzjoni izda kien gie nformat li ma jista' jsir xejn biex dawn il-qtates jitnehhew mil-lokalita'.

7.3 Il-Vici-Sindku ghalhekk ippropona li jibda jsir tindif regolari f'dawn iz-zewg toroq u li l-Kunsill jibda jimpjega iktar green wardens sabiex jissorveljaw iz-zona u ma jibqghux jithallew nies ihammgu waqt it-tmigh lill-qtates. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti.

## 8.0 Isle of MTV 2011

8.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li jhoss li din l-edizzjoni tal-kuncert Isle of MTV kienet organizzata hafna ahjar mill-edizzjonijiet precedenti. Dan peress li ma kienx hemm ilmenti daqs fis-snin imghoddija ghalkemm xorta wahda l-Kunsill kien ircieva ilmenti dwar it-tindif, ghajjat, ecc.

8.2 Il-Kunsill qabel li fis-snin li gejjin ghandhom jigu mpjegati iktar gwardjani lokali sabiex ikun hemm iktar infurzar matul il-kuncert minhabba li n-numru ta' gwardjani impejgati din is-sena ma kienx bizzejjed biex ilahhqu mal-influss tan-nies li jattendu ghall-kuncert u mal-abbuz kontinwu li jsir minn dawk prezenti. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet ukoll li l-gwardjani lokali ma jkunux wahedhom izda jkun hemm zewg gwardjani flimkien biex ikunu jistghu jassistu lill-xulxin f'kaz ta' diffikulta'.

8.3 Is-Sindku Nigel Holland talab li jigi rregistrat ringrazzjament specjali lis-Sur Ramon Deguara u lid-Dipartiment kollu tal-Cleansing tal-assistenza mmedjata taghhom wara l-kuncert Isle of MTV.

## 9.0 Bord tal-Appelli: Monti tal-Ħadd

9.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kaz tas-Sinjura Rachel McKay li wara li kienet naqset li tarma fuq il-monti sitt darbiet in fila, il-Kunsill kien alloka l-posta tieghu lill-haddiehor. Huwa kompla jghid li s-Sinjura McKay kienet appellat mid-decizjoni tal-Kunsill u talbet li terga' tinghata lura l-posta allokata lilha fil-monti tal-Hadd.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li l-Kunsill kien ircieva korrispondenza minghand il-Bord tal-Appelli fejn dan irrakkomanda lill-Kunsill jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u biex ir-revoka tal-awtorizzazzjoni tal-posta allokata lill-appellant tigi rtirata.

9.3 Wara li kkunsidra ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Appelli, il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' r-rakkomandazzjoni u jerga' jrodd lura l-permess lis-Sinjura McKay min-nhar il-Hadd 10 ta' Lulju 2011.

## 10.0 Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma li l-Kunsill kien diga baghat xi ittri lil entitajiet differenti sabiex jinformahom b'din l-attivita' u jinkoraggihom jaghtu s-sehem taghhom matulha biex ghal darb'ohra l-attivita' terga' tkun wahda ta' success.

10.2 Is-Sindku nforma wkoll li l-Malta Tourism Authority kienu offrew l-ghajnuna taghhom u offrew li jaghtu sponsorship lill-Kunsill ghal din l-attivita' bhala rikumpens ghall-ghajnuna moghtija mill-Kunsill matul il-kuncert Isle of MTV.

10.3 Il-Vici Sindku Franco Davies ippropona li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni lill-kumpaniji li joffru servizz ta' ferrovija simili ghal dik li hemm ir-Rabat sabiex il-Kunsill ikun jista' jipprovdi dan is-servizz matul l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

10.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir laqgha ohra fil-gimghat li gejjin biex jigu diskussi xi suggerimenti ohrajn ghal din l-attivita'.

## 11.0 Ċelebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

11.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Edward Torpiano jispjega x'kien gie ffinalizzat s'issa rigward ic-Celebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena u kif kien miexi l-ippjanar ghall-edizzjoni ta' din is-sena.

11.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ppropona li l-Kunsill johrog sejha ghal *events co-ordinator* biex ikun hu li jibbukkja l-kantanti u l-*entertainment* kif ukoll biex jiehu hsieb l-ordni u t-tqeghid tal-barriers. Il-Kunsill ma hassx li ghandu jilqa' din il-proposta u qabel li ghandu jifformola programm hu minhabba li kien ghad fadal bizzejjed zmien biex jigi ppreparat programm tajjeb.

11.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha tas sotto kumitat Celebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena sabiex ikun jista' jigi ppreparat programm finali mill-aktar fis li mbaghad ikun jista' jigi pprezentat lill-Kunsill ghall-approvazzjoni.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li waqt laqgha li kellu mal-Onor. Chris Said, is-Segretarju Parlamentari kien esprima x-xewqa li din l-attivita' kif ukoll dik organizzata mill-Kunsill tal-Belt Valletta, jigu rreklamati bhala attivita' wahda u mhux tnejn separati.

11.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jilqa' l-proposta tas-Segretarju Parlamentari u japprova li l-attivita' Celebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena tigi rreklamata flimkien ma' dik tal-Belt Valletta, izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant, din il-mozzjoni hija nulla.

11.6 Ghaldaqstant il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta u qabel li ghandu jipprocedi bhas-snin imghoddija u li jibqa' jorganizza din l-attivita' separatament.

## 12.0 Asfaltar ta' Toroq

12.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kienet harget il-"letter of intent" biex jibda' x-xoghol tal-ilma f'Lascaris Wharf sabiex wara jkun jista' jibda' jsir ix-xoghol t'asfaltar.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jsir xoghol ta' asfaltar fi Pjazza Papa Gwanni XXIII minhabba li din il-pjazza kienet fi stat hazin hafna specjalment il-parti bejn it-"Typewriter centre" u Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jitpogga fuq il-programm ta' xoghol pendenti ta' asfaltar.

12.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kienu qed johorgu l-grieden minn gradilja li hemm fi Triq Vilhena, vicin tal-Ambaxxata Taljana. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jordna gradilja differenti, li tkun iktar hafifa u tkun tista' toghla, sabiex tissolva din il-problema.

## 13.0 Iljieli Sajfin fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

13.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

13.2 Il-Vici Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill bil-gruppi li kien avvicina u li kienu wrew interess jiehdu sehem matul l-iljieli sajfin imtella' mill-Kunsill fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

13.3 Il-Kunsill qabel li l-Vici-Sindku Davies ghandu jiffinalizza programm tal-kantanti/muzicisti li ser jiehdu sehem matul dawn l-iljieli biex jigi pprezentat ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 14.0 L-Istazzjon tal-Ferrovija

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni li l-Kunsill kien ghamel biex jitlob id-devoluzzjoni tal-istazzjon tal-ferrovija u saqsa jekk il-Kunsill kienx ghamel l-applikazzjoni.

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv K. Brincat fakkar li kien ghadu qed jistenna aktar dokumenti bhal site-plan, project brief u dokumenti ohrajn li jridu jsiru biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni.

14.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien ikkuntattja lill-Perit Farrugia fejn kellu jiltaqa' ma' xi ufficjal tal-Public Works Division halli jikseb xi informazzjoni dwar l-istazzjon li hija vitali ghall-applikazzjoni.

## 15.0 Xoghol ta' Bankini Godda

15.1 Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsillier responsabbli mix-xoghlijiet tat-toroq biex jigri wara l-kuntrattur sabiex ifittex jibda x-xoghol ta' bankini godda fi Pjazza San Kalcidonju u fi Triq il-Konservatorju.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien diga kellem lill-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill u kien informah li kellu jibda x-xoghol fil-jiem li gejjin.

## 16.0 Ħwejjeg Oħra

16.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-fondi moghtija lill-Kunsill ghall-Green Challenge Award u ssuggeriet biex dawn jintuzaw biex jinxtraw bins tas-sigaretti mill-Kunsill Lokali u jitwahhlu magenb il-bars li hemm fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li tali bins isiru responsabbilta' tal-Kunsill Lokali u mhux tal-bars infushom. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jibghat ittra simili ta' dik li kien baghat zmien ilu biex il-bars jiehdu hsieb iwahhlu bin mal-entratura taghhom sabiex jitnaqqsu s-sigaretti li jigu mormija mal-art specjalment taht il-logog.

16.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn stabbiliment ta' hairdresser fi Triq il-Kapuccini li talab li jitnehha l-bin li hemm magenb in-negozju tieghu minhabba li dan ma kienx qieghed jitbattal. Il-Kunsill qabel li dan il-bin jitnehha ladarba ma setax jitbattal.

16.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill b'barbecue li kien ser isir fil-bitha tal-Floriana Nursery matul ix-xahar t'Awwissu. Il-Kunsill approva.

16.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li minflok il-harga ghall-Kemmuna li kienet ipproponiet fil-laqgha precedenti, kienet ser torganizza harga ghal Ghawdex. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

16.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-Ambaxxata Amerikana kienu nformawh li nhar it-Tnejn fis-6pm kienu ser jigu xi rapprezentanti mir-regjun ta' Toscana u xtaqu jiltaqghu mal-Kunsill rigward ir-ristawr tal-monument ta' Dante. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-arrangamenti necessarji biex issir din il-laqgha.

16.6 Il-Vici Sindku Franco Davies saqsa rigward is-suggerimenti ghall-Car Free Day izda s-Segretarju Ezekuttiv informah li d-data sa meta kellhom jigu sottomessi s-suggerimenti kienet ghaddiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattjahom u jistaqsi jekk jistax jibghat is-suggerimenti tieghu xorta wahda minkejja li kienet ghaddiet id-data ta' skadenza.

16.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-attivita' kongunta mas-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn il-Kunsill jiehu hsieb it-trasport ghall-harga li ser issir f'Kercem. Il-Kunsill qabel li jiehu hsieb it-trasport.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 2 t'Awwissu fis-1.30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6.45pm.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |